MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Numru. 278/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Christopher Schembri**

**Kumpilazzjoni Numru: 278/13**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2013**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 362782M).

Akkuzat talli:
1. F'xi hin bejn il-25 ta' Settembru 2012 u l-01 ta' Ottubru 2012, **irrenda ruhu komplici** flimkien ma' persuna ohra u cioe` Matthew Camilleri f'serq minn go

residenza bin-numru 10, Joel, Triq il-Kahwiela, Mosta ta' diversi oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li huwa ta aktar min mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) imma mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Helen Sidebotham u jew ta' persuna/i ohra;

2. U aktar talli fil-5 ta' Ottubru 2012 bejn it-03:10 ta' wara nofsinhar u l-05:30 ta' filghaxija **rrenda ruhu komplici** flimkien ma' persuna ohra u cioe` Matthew Camilleri f'serq minn gewwa r-residenza 15, The Shack, Triq it-Turkija, Naxxar, ghad-detriment ta' Joseph Fenech u Christiane Querfurth-Fenech u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

3. U aktar talli fl-istess data, ghall-habta tal-04:03 ta' wara nofsinhar minn gol-ATM tal-bank BOV li hija sitwata f'Santa Venera permezz ta' 'Visa Card' **irrenda ruhu komplici** flimkien ma' persuna ohra u cioe` Matthew Camilleri f'serq ta' 750 Euro flus kontanti ghad-detriment ta' Joseph Fenech liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

4. U aktar talli fid-9 ta' Ottubru 2012 bejn 06:00 ta' filghaxija u 07:00 ta' filghaxija minn go residenza numru 141, Triq il-Kbira, Hal Balzan **rrenda ruhu komplici** flimkien ma' persuna ohra u cioe` Matthew Camilleri f'serq ta' flus u oggetti ta' gojjellerija tad-deheb liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) bil-lok u bil-mezz ghad-detriment ta' Maria Theresa Camilleri, u jew persuna/i ohra;

5. U aktar talli fl-10 ta' Ottubru 2012 bejn is-01:30 ta' wara nofsinhar u 07:00 ta' filghaxija **rrenda ruhu komplici** flimkien ma' persuna ohra u cioe` Matthew Camilleri f'serq minn gewwa r-residenza Valley Garden, Flat 1A, Triq il-Baltiku, San Giljan, ghad-detriment ta'

Denisa Vladu Florentina u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

6. U aktar talli fid-19 ta’ Ottubru 2012, bejn is-07:45 ta’ filghodu u d-09:20 ta’ filghodu **rrenda ruhu komplici** flimkien ma’ persuna ohra u cioe` Matthew Camilleri f’serq minn gewwa r-residenza numru 6, Dancer’s Place, Triq Manoel Vilhena, Birkirkara, ghad-detriment ta’ Rene` u Caroline Bartolo u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

7. Matul ix-xahar ta’ Ottubru 2012, xjentement f’Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti; u

8. U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-ezami tieghu li wiegeb hati ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 42, 43, 263, 267, 269, 278(3) u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u stante illi s-seba’ akkuza hija alternattiva ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames u s-sitt akkuza u stante ammissjoni bikrija qed issib lill-imputat Christopher Schembri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.

Finlament spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------